# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 15**

**Rikors numru 1130/07 SM**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Miller Distrubuters Limited**

**v.**

**Carisma Limited u b'digriet tat-8 ta' Frar 2008 ġie kjamat fil-kawża Mario Attard**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma **żewġ appelli** ad istanza tal-kjamat fil-kawża Mario Attard:

(a) wieħed mis-sentenza tal-**<u>14 ta' Ottubru 2014</u>**, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirrevokaha u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu (u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi); u

(b) l-ieħor (sussidjarjament u bla preġudizzju għall-ewwel appell) mis-sentenza tad-**9 ta' Diċembru 2014**, il permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirrevokaha u tistabbilixxi li l-imgħax legali għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza odjerna, jew *se mai* mid-data tat-tieni sentenza appellata.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi appellata.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenzi mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdin jiġi hawnhekk riprodotti fl-intier tagħhom:

***sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014….***

"Il-Qorti,

"1.0. Rat ir-rikors datat l-24 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu s-socjetà rikorrenti *Elmo Insurance Limited* sintetikament esponiet is-segwenti:

"1.1 Illi b'sentenza datata l-24 t'Ottubru,2014, din il-Qorti ddikjarat lill-kjamat fil-kawza fuq riferit unikament responsabbli ghad-danni ikkagunati hemm indikati;

"1.2 Illi illikwidat id-danni *de quo* fl-ammont indikat fl-istess sentenza;

"1.3 Illi ikkundannat lill-istess kjamat in kawza biex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez;

"1.4 Illi bi zvista l-istess Qorti naqset taghti provediment fl-istess sentenza fuq l-imghax kif mitlub fir-rikors promotur, senjatament b'effett miz-17 ta' Lulju, 2007, sad-data tal-effettiv pagament;

"1.5 Illi konsegwentement qed titlob li *ai termini* ta' l-artiklu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issa taghti wkoll sentenza dwar l-imsemmi imghax;

"2.0 Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza datata t-2 ta' Dicembru, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti;

“2.1. Illi *stante* li d-danni rikjamati huma ta’ natura civili u mhux kummercjali, l-imghax in kwistjoni ma jiskattax awtomatikament izda minn data li trid tigi stabbilita mill-ligi;

“2.2. Illi s-socjetà rikorrent ghalkemm indikat l-ammont ta’ danni pretizi, ma talbitx il-kundanna ghall-istess izda, li d-danni jigu likwidati u approvati;

“2.3. Illi ghalhekk fis-sentenza taghha fuq riferita il-Qorti kienet korretta li ma pprovdietx li l-imghax jibda jiddekori minn xi data qabel is-sentenza;

“2.4. Illi ghalhekk m’hemm l-ebda *“omissa decisio”* kif qed issostni s-socjeta` rikorrenti;

“2.5. Illi *di piu`,* l-ittra ufficjali datata z-17 ta’ Lulju, 2007, kienet indirrizzata lis-socjeta’ Carisma Limited biss u mhux lill-kjamat in kawza hawn issa ikkoncernat;

“2.6. Illi ghalhekk id-data indikata fil-paragrafu precedenti ma tistax tigi meqjusa bhala d-data li fiha ghandu jiskatta l-imghax mitlub mis-socjeta’ rikorrenti;

“Ikkonsidrat;

“3. Illi in effetti r-rikors guramentat promotur datat it-30 t’Ottubru, 2007, espressament inkluda talba ghall-“imghax legali b’effett miz-17 ta’ Lulju 2007” kontra s-socjeta` intimata;

“4. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li s-sentenza datata l-14 t’ Ottubru, 2014, in dizamina stabbiliet li l-kjamat in kawza hu l-uniku responsabbli ghad-danni li irrizultaw mill-azzjoni tieghu hemm ezaminata;

“5. Illi hu pacifiku wkoll li fis-sentenza *de quo* ma ssir l-ebda referenza ghall-imghaxijiet relativi kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

“6. Illi logikament, tali nuqqas ta’ referenza ghall-imghax kif mitlub fil-konfront tas-socjeta` hemm indikata tassew jammonta ghall- *“omissa decisio”* kif sollevata mis-socjeta` rikorrenti *stante* li l-kjamat in kawza, ghalkemm ma kienx is-suggett u l-oggett tal-ittra ufficjali taz-17 ta’ Lulju, 2007, ghal ragunijiet ovvji, hu l-persuna li ghandu jaghmel wkoll tajjeb ghall-istess imghaxijiet;

“7. Illi pero’ ghandu jigi sottolineat li *stante* li s-socjeta` rikorrenti ma indirizzatx it-talba ghall-imghaxijiet minnha mitluba fil-konfront tal-istess kjamat, dan sar jaf bil-proceduri odjerni biss meta hu gie effettivament kjamat in kawza u wiegeb ghad-domandi indirizzati fil-konfront tieghu;

“8. Illi in effetti l-kjamat in kawza Attard kien gie debitament hekk kjamat permezz ta’ digriet minn din il-Qorti diversament preseduta datat it-8 ta’

Frar, 2008, (ara foll 12), kien notifikat bl-istess fiz-19 ta' Frar, 2008, (ara foll 13), u intavola r-risposta tieghu fis-26 tal-istess xahar, (ara foll 14);

"9. Illi ghaldaqstant, in vista tal-istess, tiddikjara li r-rikorrenti ippruvat it-talba taghha, izda bir-riserva tas-segwenti, u konsegwentement;

"**DECIDE:**

"9.1. Tilqa` t-talba tar-rikorrenti li effettivament is-sentenza datata l-14 t'Ottubru, 2014, fiha *"omissa decisione"* fir-rigward tal-imghax mitlub mis-socjeta` rikorrenti;

"9.2. Tikkundanna ghalhekk li l-kjamat in kawza biex ihallas ukoll l-imghaxijiet mitluba;

"9.3. Illi in vista tas-premess, tistabbilixxi d-data tan-notifika tal-kjamata in kawza ordnata fil-konfront ta' Mario Attard, senjatament iz-19 ta' Frar, 2008, bhala d-data li minnha ghandha tkun operattiva l-effettivita` ta' pagament tal-imghaxijiet skont il-ligi, mill-imsemmi kjamat in kawza lis-socjeata` rikorrenti, u dan, sad-data ta' l-effettiv pagament;

"9.4 Illi in vista tal-premess, il-partijiet m'ghandhomx ihallsu l-ispejjez ta' dan l-istralc procedurali;

***sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014…***

1.0. "Rat ir-rikors datat l-24 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu s-socjetà rikorrenti *Elmo Insurance Limited* sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 "Illi b'sentenza datata l-24 t'Ottubru,2014, din il-Qorti ddikjarat lill-kjamat fil-kawza fuq riferit unikament responsabbli ghad-danni ikkagunati hemm indikati;

1.2 "Illi illikwidat id-danni *de quo* fl-ammont indikat fl-istess sentenza;

1.3 "Illi ikkundannat lill-istess kjamat in kawza biex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez;

1.4 "Illi bi zvista l-istess Qorti naqset taghti provediment fl-istess sentenza fuq l-imghax kif mitlub fir-rikors promotur, senjatament b'effett miz-17 ta' Lulju, 2007, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5 "Illi konsegwentement qed titlob li *ai termini* ta' l-artiklu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, issa taghti wkoll sentenza dwar l-imsemmi imghax;

2.0 "Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza datata t-2 ta' Dicembru, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti;

"2.1. Illi *stante* li d-danni rikjamati huma ta' natura civili u mhux kummercjali, l-imghax in kwistjoni ma jiskattax awtomatikament izda minn data li trid tigi stabbilita mill-ligi;

2.2. "Illi s-socjetà rikorrent ghalkemm indikat l-ammont ta' danni pretizi, ma talbitx il-kundanna ghall-istess izda, li d-danni jigu likwidati u approvati;

"2.3. Illi ghalhekk fis-sentenza taghha fuq riferita il-Qorti kienet korretta li ma pprovdietx li l-imghax jibda jiddekori minn xi data qabel is-sentenza;

"2.4 Illi ghalhekk m'hemm l-ebda *"omissa decisio"* kif qed issostni s-socjeta` rikorrenti;

"2.5. Illi *di piu`,* l-ittra ufficjali datata z-17 ta' Lulju, 2007, kienet indirrizzata lis-socjeta' Carisma Limited biss u mhux lill-kjamat in kawza hawn issa ikkoncernat;

"2.6. Ili ghalhekk id-data indikata fil-paragrafu precedenti ma tistax tigi meqjusa bhala d-data li fiha ghandu jiskatta l-imghax mitlub mis-socjeta' rikorrenti;

"Ikkonsidrat;

3. "Illi in effetti r-rikors guramentat promotur datat it-30 t'Ottubru, 2007, espressament inkluda talba ghall-"imghax legali b'effett miz-17 ta' Lulju 2007" kontra s-socjeta` intimata;

4. "Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li s-sentenza datata l-14 t' Ottubru, 2014, in dizamina stabbiliet li l-kjamat in kawza hu l-uniku responsabbli ghad-danni li irrizultaw mill-azzjoni tieghu hemm ezaminata;

5. "Illi hu pacifiku wkoll li fis-sentenza *de quo* ma ssir l-ebda referenza ghall-imghaxijiet relativi kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

6. "Illi logikament, tali nuqqas ta' referenza ghall-imghax kif mitlub fil-konfront tas-socjeta` hemm indikata tassew jammonta ghall-*"omissa decisio"* kif sollevata mis-socjeta` rikorrenti *stante* li l-kjamat in kawza, ghalkemm ma kienx is-suggett u l-oggett tal-ittra ufficjali taz-17 ta' Lulju, 2007, ghal ragunijiet ovvji, hu l-persuna li ghandu jaghmel wkoll tajjeb ghall-istess imghaxijiet;

"7. Illi pero' ghandu jigi sottolineat li *stante* li s-socjeta` rikorrenti ma indirizzatx it-talba ghall-imghaxijiet minnha mitluba fil-konfront tal-istess kjamat, dan sar jaf bil-proceduri odjerni biss meta hu gie effettivament kjamat in kawza u wiegeb ghad-domandi indirizzati fil-konfront tieghu;

8. “Illi in effetti l-kjamat in kawza Attard kien gie debitament hekk kjamat permezz ta’ digriet minn din il-Qorti diversament preseduta datat it-8 ta’ Frar, 2008, (ara foll 12), kien notifikat bl-istess fiz-19 ta’ Frar, 2008, (ara foll 13), u intavola r-risposta tieghu fis-26 tal-istess xahar, (ara foll 14);

9. “Illi ghaldaqstant, in vista tal-istess, tiddikjara li r-rikorrenti ippruvat it-talba taghha, izda bir-riserva tas-segwenti, u konsegwentement;

“**DECIDE:**

“9.1. Tilqa` t-talba tar-rikorrenti li effettivament is-sentenza datata l-14 t’Ottubru, 2014, fiha *“omissa decisione”* fir-rigward tal-imghax mitlub mis-socjeta` rikorrenti;

“9.2. Tikkundanna ghalhekk li l-kjamat in kawza biex ihallas ukoll l-imghaxijiet mitluba;

“9.3. Illi in vista tas-premess, tistabbilixxi d-data tan-notifika tal-kjamata in kawza ordnata fil-konfront ta’ Mario Attard, senjatament iz-19 ta’ Frar, 2008, bhala d-data li minnha ghandha tkun operattiva l-effettivita` ta’ pagament tal-imghaxijiet skont il-ligi, mill-imsemmi kjamat in kawza lis-socjeata` rikorrenti, u dan, sad-data ta’ l-effettiv pagament;

“9.4 Illi in vista tal-premess, il-partijiet m’ghandhomx ihallsu l-ispejjez ta’ dan l-istralc procedurali;”.

## <u>Rikors tal-appell tal-kjamat fil-kawża (23.12.2014):</u>

3. L-attur ħassu aggravat bis-sentenzi tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona appelli minnhom. L-aggravji tiegħu, in suċċint, huma s-segwenti:

### (a) <u>Dwar l-ewwel sentenza (tal-14.10.2014)</u>

(i) <u>L-ewwel aggravju (dwar it-tieni eċċezzjoni – Art. 1032)</u>

Fl-ewwel lok jilmenta bl-fatt li l-ewwel Qorti skartat it-tieni eċċezzjoni tiegħu ibbażata fuq l-Artikolu 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili, u cioe` li ladarba

aġixxa bi prudenza, diliġenza u bl-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* m'għandux jitqies responsabbli għall-akkadut.

Jilmenta li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx uża l-prudenza, diliġenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* mhux abbażi ta' analiżi tal-provi, iżda abbażi tal-fatt biss li l-ilma ħareġ minn pajpijiet stallati minnu.

Jaċċenna għall-fatt li kien uża pajpijiet (ġodda) tat-tip Acorn 22mm, li hu l-aqwa materjal użat fis-suq lokali, kif anke ġie korroborat mill-*loss adjuster* Aldo Abela li kien tqabbad mis-soċjeta` attriċi biex jagħmel rapport dwar l-inċident. Isostni li l-imsemmija pajpijiet kienu twaħħlu kif suppost u li l-inċident seħħ meta pipe minnhom ġie sfurzat u tqaċċat minn postu. F'dan ir-rigward jaċċenna għar-rapport tal-*loss adjuster* Aldo Abela li qal li mill-grif fuq il-pipe jidher li l-pipe "*had been fitted properly and that it was forced off its place*".

u li fl-opinjoni tiegħu, l-inċident aktarx seħħ għaliex "*The system being subject to excessive pressure (most likely cause*)."

Ifakkar li huwa fil-fatt wara li lesta l-istallazzjoni, kien ittestjaha: "*ippressajt is-sistema għal saħħa ta' 10 bars u ħallejtha hekk ippressata għal xi 48 siegħa*". Ifakkar li kien spjega li normalment il-pressa tal-gvern tkun xi 3 jew 4 bars u li allura bit-test ta' 10 bars kien altru diliġenti u

prudenti. Ifakkar ukoll li l-għada tal-inċident meta mar fuq il-post wara l-lejl li daħal l-ilma, sab li l-pressa tal-gvern kienet 8 bars, fatt li jindika li allura l-lejl ta' qabel kienet iktar għolja (għaliex tkun niżlet bl-użu tal-konsumaturi wara s-sebħ tal-ġurnata).

Jenfażizza li għalkemm is-soċjeta` attriċi ppruvat li sofriet id-danni bħala riżultat li infaqa' l-pipe tal-ilma, ma ppruvatx li l-pipe tal-ilma spara b'xi ħtija attribwibbli lilu.

(ii) <u>It-tieni aggravju (dwar l-ewwel eċċezzjoni – Art 1029</u>

Fit-tieni lok (u sussidjarjament għall-ewwel aggravju tiegħu) jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti skartat l-ewwel eċċezzjoni tiegħu ibbażata fuq l-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, u cioe` li ladarba l-ħsara ġrat b'aċċident jew forza maġġuri, din għanda tbatiha l-persuna li fuq il-beni tagħha ġrat il-ħsara (u għalhekk Miller Distributers Ltd, li s-soċjeta` attriċi Elmo Insurance ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha).

Jargumenta li dak li ġara kien riżultat ta' pressa ta' ilma imprevista; u li għalkemm is-sistema ta' pipes ġiet installata biex tiflaħ pressa ta' 10 bars minkejja li l-livell fejn ġiet stallat jirrikjedi biss 3 jew 4 bars, kien hemm tant pressa eċċessiva li saħansitra tqaċċat pipe ġdid. Jaċċenna għall-pipe innifsu, li fil-fatt ġie esebit fl-atti, u jsostni li dan jindika li tqaċċat minn postu.

**(b) Dwar it-tieni sentenza (tad-09.12.2014)**

Kwantu għat-tieni sentenza jilmenta li l-ewwel Qorti ma għamlitx distinzjoni bejn meta attur jitlob kundanna ta' ħlas mingħajr ma jitlob lill-qorti tillikwida l-ammont tad-danni, u meta (bħal fil-każ odjern) attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni qabel il-kundanna tal-ħlas. Jargumenta li skont il-ġurisprudenza nostrana, meta si tratta ta' talbiet tat-tieni tip, l-imgħax jiddekorri mid-data tas-sentenza għaliex ikun f'tali data li l-ammont ikun ġie likwidat, u "*in illiquidis non fit mora*".

4. Is-soċjeta` attriċi appellata ma ppreżentatx risposta għall-appelli tal-kjamat fil-kawża.

**Provi**

5. **Jeffrey Scorey** (*claims manager* mas-soċjeta` attriċi) fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' April 2008[1] qal li s-soċjeta` Miller Distributers Ltd (li għandha l-ħanut tal-kotba bl-isem ta' *Agenda Bookshop* fil-Valletta Waterfront) kienet assigurata mas-soċjeta` Elmo Insurance Ltd għal ħsara materjali u *loss of profits*. Spjega li kienet għamlet claim wara li kien daħal l-ilma fl-imsemmi Agenda Bookshop minn proprjeta` ta' terzi, u li f'Mejju 2006 huwa kien personalment mart fil-post biex jara l-ħsarat.

[1] Fol 18 et seq

Osserva li l-arkati tas-saqaf tal-ħanut kienu mxarrbin bl-ilma u kkonstata li l-ilma kien ġej minn restaurant (Ta' Mannaru) li jinsab f'livell ogħla minn dak tal-Agenda Bookshop. Innota li l-ilma li daħal fil-ħanut ikkaġuna diversi ħsarat, partikolarment fil-parquet, fl-istokk (kotba) u fl-ixkaffar[2]. Qal li s-soċjeta` assikuratriċi llikwidat l-ammont ta' danni (ħsara materjali u *loss of profits*) fl-ammont ta' Lm15,209.44, ekwivalenti għal €35,428.47.

6. **Charlene Pace** (impjegata bħala *manager* ma' Agenda Bookshop) fix-xhieda tagħha tad-19 ta' Mejju 2008[3] spjegat li fid-29 ta' April kienet għalqet il-ħanut fin-nofs siegħa ta' bil-lejl (00.30) u l-għada filgħodu irċeviet telefonata mingħand kollega tagħha fejn għarrfitha li kien hemm ħafna ilma fil-ħanut. Qalet li meta marret fuq il-post rat ħafna ilma u innnotat li kienu xxarbu l-kotba. Spjegat li mall-ewwel indunat li l-ilma kien ġej mir-restaurant ta' fuqhom peress li s-saqaf kien imxarra u l-ilma kien għadu nieżel. Fil-fatt qalet li l-ilma "*dam nieżel".* Qalet li fejn setgħu jsalvaw kotba, salvawhom, iżda ftit li xejn irnexxielhom isalvaw. Qalet li l-art tal-parquet infetħet kollha. B'referenza għar-ritratt li esebiti minn Jeffrey Scorey, xehdet li dawn juru biss ftit mill-ilma, għaliex meta ttieħdu r-ritratti kienu diġa neħħew ħafna mill-ilma bil-"*hoover*" li kien ġie provdut lilhom mill-Viset, li hija l-kumpanija li tieħu ħsieb il-Waterfront.

[2] Vide ritratti Dok JS1 sa JS9, fol 21-23
[3] Fol 26 et seq

7. **John Borg** (*chartered accountant*) fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Novembru 2008[4] xehed fir-rigward tal-każ inkwistjoni kien għamel stima fuq inkarigu tas-soċjeta` assikuratriċi (Dok JB[5]). L-istima tirrigwarda biss "*damaged stock"* u "*consequential loss*" u mhux ukoll "*furniture replacement costs*" u "*repair costs*". Spjega li l-kalkoli li għamel kienu jirrigwardaw il-ħsara fil-kotba.

8. **Kenneth Frendo** (*Chief Financial Officer* mas-soċjeta` Miller Distributers Ltd) fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Jannar 2009[6] qal li fit-30 ta April 2006 (08.30) kien irċieva telefonata mingħand Dorianne Dalli (*assistant manager* fil-ħanut inkwistjoni) fejn infurmatu li x'ħin marret tiftaħ il-ħanut sabet kullimkien mgħarraq fl-ilma. Spjega li huwa ma kienx mar personalment fuq il-post iżda kien mar Malcolm Miller (CEO ta' Miller Distributers Ltd) flimkien ma' rappreżentat tas-soċjeta` Elmo Insurance Ltd, u dawn kienu qalulu li kien hemm ammont sostanzjali ta' ilma fil-ħanut kollu. Qal li konsegwentement kienu għamlu claim fl-ammont ta' Lm23,764 mas-soċjeta` assikuratriċi, kif jirriżulta minn Dok KF1.[7] Sussegwentement kienu waslu f'arranġament li jitħallsu inqas minn hekk għaliex ma ridux jagħlqu l-ħanut (fil-fatt għalquh ġurnata waħda biss). Huwa esebixxa s-segwenti *credit notes*:

---

[4] Fol 42 et seq
[5] Fol 39-40
[6] Fol 48 et seq
[7] Fol 60

Dok KF2: Lm9,599.51 (għal ħsarat fil-parquet u għamara)

Dok KF3: Lm3,022.11 (għal kotba danneġġjati)

Dok KF4: Lm189.61 (għal consequential loss)

Ippreċiża pero` li kien hemm *credit note* oħra ta' Lm2,228 li ma kellux kopja tagħha fuqu.

9. **Joseph Mallia** (*managing director* tas-soċjeta` Millenium Agency Ltd) fl-affidavit tiegħu[8] xehed illi s-soċjeta` konvenuta Carisma Ltd, li kienet topera r-restaurant *Ta' Mannaru*, kienet assikurata mal-Millenium Agency Ltd. Qal li fit-30 ta' April 2006 ġew avżati minn Carisma Ltd li l-ħanut sottostanti r-restaurant sofra ħsarat wara perkolazzjoni sostanzjali ta' ilma li deher li kien ġej mir-restaurant. Qal li dakinhar stess il-Millenium Agency Ltd ikarigat lil Aldo Abela (mis-soċjeta` Aldo Abela Surveys Ltd) bħala *loss adjuster* sabiex jinvestiga l-akkadut. Qal li meta l-istess Aldo Abela ħareġ ir-rapport tiegħu, huwa iddikjara li l-inċident ma kienx wieħed prevedibbli, u li ma kien hemm l-ebda negliġenza da parti tas-soċjeta` Carisma Ltd. Spjega li fid-dawl ta' dan is-soċjeta` Millenium Agency Ltd avżaw lil Carisma Ltd biex ma taċċetta l-ebda tort għall-akkadut.

10. **Noel Borg** (li kien direttur ta' Carisma Ltd) fl-affidavit tiegħu[9] xehed li dakinhar tat-30 ta' April 2006 kien mar jiftaħ ir-restaurant *Ta' Mannaru*

[8] Fol 151 et seq
[9] Fol 153 et seq

fil-Valletta Waterfront, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (08.30). Qal li meta fetaħ il-vit tal-ilma intebaħ li kien hemm pressa baxxa ta' ilma, u li ftit ħin wara, impjegati tal-*Agenda Bookshop* infurmawh li kien daħlilhom ħafna ilma fil-ħanut u li kien ġej mis-saqaf tal-ħanut, li jinsab taħt ir-*restaurant*. Ikkonferma li dan fil-fatt raħ b'għajnejh. Qal li għalkemm tela' minnufih fir-restaurant biex jiċċekkja jekk hemm xi sors ta' ħruġ ta' ilma, huwa ma ra xejn. Qal li sejjaħ lill-impjegat tal-Viset, u wara li għalqu l-main prinċipali, il-perkolazzjoni tal-ilma bdiet tnaqqas sakemm waqfet. Kompla jgħid li:

> "*Dak il-ħin stess jiena tlabt lill-plumber Mario Attard biex jiċċekkja s-sistema tal-installazzjoni tal-ilma ġewwa r-restaurant għax ridt inserraħ rasi li ma jkomplix joħroġ aktar ilma, u wkoll biex insibu s-sors tal-problema ħalli nkun nista' naħdem. Minħabba li ma kien jidher xejn Attard kellu jirreferi għall-pjanti tal-installazzjoni tal-ilma. Wara xi ħin il-plumber sab li l-leakage kien ġej minn wara t-toilet fir-restroom tal-ladies li kien mgħotti bil-gypsum boards, tant li biex jinkixef u jintlaħaq kellu jkisser maduma. Il-plumber kien spjegali li kien sab pipe li ħareġ jew iċċaqlaq minn postu. Il-ħsara ġiet aġġustata dakinhar stess*".

11. Qal li hu kien fetaħ ir-*restaurant* xi sitt ġimgħat qabel u spjega li għalkemm kien kera l-post mingħand il-Viset plc, kien hu li armah u installa s-sistema tad-dawl u tal-ilma. Spjega li kien ikkuntratta lill-*plumber/electrician* Mario Attard għax-xogħlijiet tad-dawl u l-ilma.

> "*Huwa kien żar il-post jiena ħadt is-suġġerimenti tiegħu biex jintużaw materjali tal-aqwa kwalita` tip 'acorn'. Ftehmna wkoll fuq il-prezz tax-xogħlijiet li kellhom isiru u ntalab ukoll biex ix-xogħol li kollu jsir kif titlob is-sengħa u l-arti. Attard lesta x-xogħlijiet mifthema ftit qabel ma ftaħt il-bibien tar-restaurant għax-xogħol. Naf li Attard kellu jagħmel test tal-pressa tal-ilma fuq installazzjoni li huwa ħadem biex nassiguraw li ma hemmx leakages u li s-sistema taħdem sew. Niftakar li madwar xi jumejn qabel l-inċident kienet żviluppat leak żgħira f'parti oħra tar-restaurant li kienet ġiet aġġustata minnufih wara li jien kont sejjaħt il-plumber Attard*".

12. Żied jgħid li s-sistema tal-ilma għal ġol ħwienet tal-Valletta Waterfront hija waħda komuni, fis-sens li l-provvista tal-ilma tiġi kollha mis-sistema waħda tal-Viset, pero` mbagħad kull ħanut ikollu meter separat. Qal li huwa da parti tiegħu ma għamel l-ebda *claim* għaliex il-ħsara tiegħu kienet żgħira.

13. **Mario Attard** (il-*plumber* li installa l-ilma fir-restaurant sovrastanti l-ħanut tal-kotba) fix-xhieda tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2012[10] xehed li ilu jaħdem bħala *plumber/electrician* mill-1990. Qal li ma kinitx l-ewwel darba li huwa għamel xogħol għas-soċjeta` Carisma Ltd: kien ħadmilha f'gabbana Putirjal, f'dolceria l-Belt, u f'ħanut Birkirkara. Fir-rigward tar-restaurant inkwistjoni, qal li kien beda jaħdem fl-20 jew 22 ta' Frar 2006. Qal li x-xogħol baqa' sejjer kważi sa kemm fetaħ, ftit qabel l-aħħar ta' April 2006. Dwar ix-xogħol tal-plumbing xehed hekk:

> "*Wara li lestejt l-istallazzjoni tal-ilma għamilt pressure test, dan isir billi titfa' ilma fil-pajpijiet, ippressajt is-sistema għal saħħa ta' 10 bars u ħallejtha hekk ippressata għal xi 48 siegħa. Dawn huma ekwivalenti għal madwar tletin sular. Ix-xogħol kien qed isir fit-tieni sular. Il-pressa kienet ġejja mill-mains tal-gvern. Għalhekk wieħed irid jippressa li ttella' iktar mit-tieni sular. Il-pressa tal-gvern tkun jew 3 jew 4 bars. Għalhekk wara li għamilt it-testijiet tiegħi jien irriżultali illi l-pressa kienet tajba. Ix-xogħol sar tajjeb. Fil-fatt il-pajpijiet li użajt jifilħu saħansitra 18 bars. Pero` wieħed ma jużaħħomx sal-limitu li tissogra taqsamhom qabel ma tibda'. Meta għamilt it-test ma rriżultawli l-ebda difetti u ma kien hemm l-ebda leakage. Wara sar il-madum, twaħħlu ukoll is-settijiet tal-bathrooms u r-restaurant beda jopera. L-ilma tal-gvern ma kienx mil-ewwel meta jiena weħħilt il-plumbing. Is-supply tal-ilma ġiet wara, qabbadtha mas-sistema, beda jaħdem u meta bdejt inħaddem ix-xogħol kollox irriżultali li kien tajjeb. It-testijiet għamilthom madwar ħmistax qabel ma beda jopera l-ħanut. Fit-28 ta' April tal-2006 kien*

[10] Fol 205 et seq

> *hemm leakage żgħir ħafna, ċempilli Noel, sid ir-restaurant, mort u rranġajt il-leakage u kull ma kienet kien hemm O-ring iqattar. Il-leakage kien jikkonsisti fi qtar tal-ilma*".

14. Qal li l-lejl ta' qabel l-inċident inkwistjoni, hu u l-familja konna qegħdin nieklu fir-*restaurant* peress li kien hemm il-logħob tan-nar. Qal li damu hemm sa xi nofsillejl jew iktar. Qal li l-għada filgħodu kien ċempillu Noel u qallu bl-ilma li kien dieħel fil-ħanut sottostanti. Qal li meta mar fuq il-post l-ilma kien ingħalaq mill-main. Qal li l-kawża tal-ilma kien illi "*inqala' pipe minn mal-fittings minn ġewwa t-toilets*". Qal li meta eżamina l-pipe li kien ikkaġuna l-ħsarat ra li kellu grif magħmula mill-*grip washer*, u spjega li l-grif jindika li l-pipe kien f'postu u li ġie maqlugħ bl-użu ta' forza fuqu. Qal li kieku l-pipe ma kienx imdaħħal f'postu ma kienx jingiref. Kompla hekk:

> "*Jien irranġajt il-ħsara li sibt. Ergajt ftaħt l-ilma, iċċekkjajt xi pressa kien hemm dakinhar u waqt il-ħin tal-ġurnata l-pressa kienet 8 bars. 8 bars huma naqra għoljin għalkemm il-pajpijiet jifilħu iktar. Pero` dan kien waqt il-ħin tax-xogħol; meta ma jkun hemm ħadd u jagħlqu l-pajpijiet tal-ilma probabbilment il-pressa titla' aktar*".

15. Qal li anke wara li ġara dan il-każ, Carisma Ltd ħallsitu l-pagamenti dovuti għax-xogħlijiet. Fil-fatt esebixxa Dok MA2 li huwa kopja tal-aħħar pagament li għamlet għas-saldu ta-xogħlijiet (datat 23.07.2006).

16. Kontro-eżaminat fid-9 ta' Jannar 2013[11] qal li x-xogħol tal-installazzjoni tal-ilma għamlu ma' żewġ impjegati tiegħu. Qal li għalkemm

---
[11] Fol 222 et seq

ix-xogħol ma għamlux kollu hu, sar taħt l-istruzzjonijiet u s-sorveljanza tiegħu, u hu kien ikun hemm il-ħin kollu. Xehed li peress li ma setgħux jaqtgħu trinek, il-pajpijiet għaddewhom minn ġol-*gypsum boards*. Qal li meta għamel il-*pressure test* kien sab *leak* wieħed żgħir u kien irranġah – qal li dan kien il-bogħod minn fejn inqala' l-*pipe* inkwistjoni. Spjega li meta l-pajpijiet tal-ilma jitwaħħlu flimkien tintuża ċerta forza u meta jitwaħħlu ma jkunux jistgħu jinqalgħu. Qal li jekk wieħed jipprova jissepara l-pajpijiet li jkunu diġa mwaħħlin sa jkun hemm il-grif. Qal li meta mar biex jirranġa l-affarijiet sab li kienet inqalgħet biċċa mill-*fitting* minn mal-pipe u għalhekk elimina l-*fitting* kompletament u għamel oħra ġdida. Huwa kkonferma li l-pajpijiet li stalla setgħu jieħdu pressa sa 18 bars. Mistoqsi jekk kienx hemm restauranti oħra fil-waterfront li ġarrbu problemi simili qal li ma jafx.

17. **<u>Aldo Abela</u>** (*surveyor* imqabbad minn Millenium Agency Ltd) fix-xhieda tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2012[12] ikkonferma r-rapport tiegħu (Dok LA4[13]) li kien ġie esebit preċedentement mis-soċjeta` konvenuta Carisma Ltd. Fir-rapport tiegħu, taħt l-intestatura "**<u>Cause of damages</u>**" huwa kien qal hekk:

> "*On the basis of our findings and the information made available to this office, we would confirm that the damages were caused by an escape of water from the Insured's fixed plumbing.*
>
> "*Evidence shown to us during our survey would suggest that an acorn*

[12] 208 et seq
[13] Fol 172 et seq

> *(push fit type) feeding the flushing of one of the ladies' restrooms had dislodged at the point between the wall plate and the pipe.*
>
> "*It is our opinion that such an incident could have been caused by either of the following options:*
>
> *a.* "*Defective material*
> *b.* "*Defective workmanship*
> *c.* "*The system being subject to excessive pressure (most likely cause).*
>
> "*We would immediately exclude wear and tear or a latent cause bearing in mind that the plumbing system had just been installed (mid-March 2006).*
>
> "*This office is in possession of copies of two declarations from the Insured's appointed plumber stating that Acorn 22mm was used and that the installation was carried out "according to professional standards".*
>
> "*The plumber (Mario Attard) also confirms that a pressure test was carried out on the system upon completion of the installation. According to him the pipes were tested at 10 bars.*
>
> "*Scratch marks on the dislodged pipe would also confirm that the pipe had been fitted properly and that it was forced off its place*".

18. Xehed li meta kien mar fuq il-post il-*plumber* kien diġa induna li kien hemm pipe li kien inqala' minn postu. Qal li l-fond tal-*Agenda Bookshop* kien mgħarraq fl-ilma u kienu qegħdin jixxuttawh. Qal li kien jidher ċar li l-ilma kien ġej mir-restaurant. Huwa kompla hekk:

> "*Li rriskontrajt jiena illi r-restaurant kien għadu ġdid; il-plumbing tiegħu kien għadu ġdid. Rajt il-parti li inqalgħet u għadha għandi. Il-plumbing kien jidher li hu ġdid. Kien ilu biss installat ftit ġimgħat mhux aktar minn sitta (6). Ma kien hemm l-ebda sinjal ta' wear and tear. Il-pipe kien jidher li huwa ġdid, kien jidher li kien imwaħħal kif suppost. Kif inqala' jidher li kien sfurzat. Il-probabbilta` hi illi kienet kaġun ta' żieda fil-pressa. IL-pressa jiena ma ċċekkjajthiex u lanqas għandi mexxi biex niċċekkja*".

19. F'xhieda ulterjuri tiegħu mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2012[14], enfasizza li l-grif fuq il-pipe jindikaw minn fejn inġibed. Qal li tali marki li jidhru fuq il-pipe jindikaw li kien inqala' b'forza, jew għax inġibed normalment, jew għax spara minħabba pressa. Qal li għalkemm il-plumber kien sostna li għamel *pressure tests* fuq 10 bars, huwa ma kienx preżenti. Mistoqsi jekk kienx għamel verifiki dwar jekk effettivament kienx hemm żieda fil-pressa (meta seħħ l-inċident), irrisponda fin-negattiv: u spjega li mill-esperjenza li għandu meta jiġru dawn il-każijiet ma jkun hemm l-ebda record. Mistoqsi jekk kienx hemm problemi oħra f'restauranti oħra fil-viċinanzi minħabba l-allegata pressa żejda, wieġeb li ma rriżultalux.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Mill-provi prodotti jirriżultaw mhux ikkontestati is-segwenti fatti:

- Ir-restaurant "*Ta' Mannaru*" (ġestit mis-soċjeta` konvenuta Carisma Ltd) jiġi sovrastanti il-ħanut tal-kotba "*Agenda Bookshop*" (ġestit mis-soċjeta` Miller Distributers Ltd.

- Is-sistema tal-ilma f'"*Ta' Mannaru"*, ġiet installata mill-kjamat fil-kawża il-*plumber* Mario Attard, ftit tal-ġimgħat qabel il-lejl tad-29 ta' April 2007, cioe` il-lejl li fih seħħ l-inċident mertu tal-kawża.

[14] Fol 216 et seq

- Il-pajpijiet li intużaw fl-istallazzjoni tal-ilma fir-restaurant "*Ta' Mannaru"* kienu tat-tip Acorn (*push fit*), u kienu ġodda.

- Is-sors tal-ilma li ipperkola mis-saqaf tal-"*Agenda Bookshop*" fil-lejl tal-inċident kien pipe tal-ilma li kien jinsab fit-toilets tan-nisa tar-restaurant "*Ta' Mannaru*." Dan il-pipe, għal xi raġuni, ħareġ minn postu u konsegwentement kien hemm perkolazzjoni sostanzjali ta' ilma.

21. **Tqum neċessarjament il-mistoqsija: x'wassal biex dan il-pipe inqala' minn postu?**

(i) Inqala' għaliex ix-xogħol tal-istallazzjoni tal-ilma ma sarx bi prudenza, diliġenza u attenzjoni mill-kjamat fil-kawża l-*plumber* Mario Attard?

(ii) Jew inqala' riżultat ta' forza maġġuri, ossia pressa eċċessiva fil-main tal-gvern (kif isostni li ġara l-istess kjamat fil-kawża)?

22. Din il-qorti tosserva li ma tqabbad l-ebda espert tekniku biex jagħmel l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tekniċi tiegħu fir-rigward u għalhekk din il-qorti ser ikollha issib risposta għal tali domanda abbażi tal-provi li hemm fl-atti.

23. It-teżi tal-kjamat fil-kawża hi li huwa għamel l-istallazzjoni tal-ilma kif suppost, u li l-pipe inkwistjoni nqala' minħabba pressa eċċessiva fil-main tal-gvern tul il-lejl tad-29 ta' April 2006. Isostni li meta mar fuq il-post l-għada filgħodu (fit-30 ta' April 2006) u pprova l-pressa, li suppost tkun 3 jew 4 bars, sabha li kienet għolja – fil-fatt jgħid li kienet 8 bars. In oltre jenfażizza li dan kien waqt il-ħin tax-xogħol, meta jkun hemm użu tal-ilma u għalhekk il-pressa tonqos, u għalhekk l-argument tiegħu hu li matul il-lejl bilfors li l-pressa tal-ilma kienet iktar minn 8 bars. Huwa pero` ma ressaq l-ebda prova konkreta dwar l-allegazzjoni tiegħu li l-pressa sabha 8 bars dak il-ħin. (Seta' per eżempju ħa ritratt tal-*pressure gauge* qed jimmarka 8 bars). Mhux talli hekk, talli Noel Borg, id-direttur ta' Carisma Ltd (is-soċjeta` li topera r-restaurant) fil-fatt jgħid proprju il-kontra. Huwa xehed li meta mar fuq il-post filgħodu u fetaħ il-vit (dan kien ftit tal-ħin qabel ma infurmawh ta' *Agenda Bookshop* li kien daħlilhom l-ilma) innota li l-pressa kienet baxxa.

24. Hemm imbagħad il-kwistjoni tal-grif li jinsab fuq il-pipe. Il-pipe u l-fittings fil-fatt ġew esebiti fl-atti minn Aldo Abela. Din il-qorti fliethom sew, u adirittura żarmathom u rat il-*grip washer* li jinsab fuq ġewwa. Għalkemm tifhem li biex sar tali grif (bis-snien tal-*grip washer*) bilfors li l-pipe kien sfurzat – ma jfissirx neċessarjament li dan ġie sfurzat bil-pressa tal-ilma. Aldo Abela stess, (is-*surveyor* imqabbad mill-kumpanija assikuratriċi ta' Carisma Ltd) fil-fatt qal li l-marki li jidhru fuq il-pipe

jindikaw li kien inqala' b'forza, (i) jew għax inġibed normalment, (ii) jew għax spara minħabba pressa. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li l-pipe seta' ma kienx imdaħħal sew fil-fitting u li meta mbagħad wara l-inċident il-pipe u l-fitting inqalgħu u inbiddlu, xi ħadd daħħal u ħareġ il-*pipe* fil-fitting u jagħmel il-grif fuqu. Din l-ahhar verzjoni hija fil-fehma tal-Qorti pjuttost imgebbda.

25. Hemm ukoll il-kwistjoni tal-ħwienet l-oħra kollha li jinsabu fiż-żona tal-Waterfront. Noel Borg qal li s-sistema tal-ilma għal ġol ħwienet tal-Valletta Waterfront hija waħda komuni, fis-sens li l-provvista tal-ilma tiġi kollha mis-sistema waħda tal-Viset. Wieħed għalhekk isaqsi: allura jekk kien hemm pressa eċċessiva għal kulħadd, kif ma tressqitx prova li sparaw pajpijiet oħra ta' ħwienet fil-Valletta Waterfront? Possibbli allura li spara biss il-*pipe* tar-restaurant inkwistjoni?

26. Jirriżulta wkoll li jumejn qabel l-inċident, wara li kienet saret l-istallazzjoni u anke sar il-*pressure testing* tal-pajpijiet, żviluppat *leak* żgħira tal-ilma. Noel Borg xehed li meta nduna b'tali *leak* kien qal lil Mario Attard biha u dan kien mar u sewwiha. Attard da parti tiegħu spjega li din kienet ġrat minħabba li kien hemm *O-ring* iqattar.

27. Issa Aldo Abela (is-*surveyor ex parte* inkarigat mis-soċjeta` assikuratriċi ta' Carisma Ltd) ikkonkluda li hemm tliet possibbilitajiet

għaliex il-*pipe* inkwistjoni spara:

- jew għaliex il-materjal kien ħażin;
- jew għaliex ix-xogħol sar ħażin;
- jew għaliex kien hemm pressa eċċessiva (jgħid li aktarx li din kienet ir-raġuni).

Dwar il-materjal, ma jirriżultax li dan kien ħażin. Il-pajpijiet kienu ġodda, mhuż użati, u ma saret l-ebda prova li kienu difettużi. Għalkemm is-*surveyor* jgħid li aktarx li r-raġuni kienet dik li kien hemm pressa eċċessiva, wieħed irid iżomm f'rasu li dan huwa espert *ex parte* u għalhekk din il-qorti trid taqra r-rapport tiegħu b'kawtela. Mill-fatturi fuq esposti minnha, din il-qorti ma jidhirlhiex li ġie sodisdaċentement pruvat li l-pressa tal-gvern kienet eċċessiva il-lejl tal-inċident, anzi mix-xhieda ta' Noel Borg pjuttost ġie pruvat il-kontra. L-unika raġuni li jifdal għalhekk hu li x-xogħol ma sarx sew. Fuq bilanċ ta' probabbilita` għalhekk din il-qorti tikkonkludi li l-*pipe* inqala' minn postu riżultat ta' xogħol li ma sarx b'attenzjoni, prudenza u diliġenza (dan qed jingħad anke fid-dawl tal-fatt li l-inċident sar biss ftit ġimgħat wara li saret l-istallazzjoni u wara li diġa kien hemm *leak* żgħira).

28. Għalhekk ma jidhirlhiex li huwa l-każ li l-ewwel sentenza (tal-14 ta' Ottubru 2014) dwar il-mertu, tiġi disturbata.

29. Kwantu għat-tieni sentenza (tad-9 ta' Diċembru 2014) dwar l-imgħaxijiet, din il-qorti jidhrilha li din ukoll timmerita konferma. Għalkemm huwa minnu li fir-rikors ġuramentat hemm talba għal-likwidazzjoni, it-talba hija għal-likwidazzjoni ta' **ammont speċifiku** ta' Lm15,209.44 (ekwivalenti għal €35,428.47) u t-talba għall-ħlas ta' danni hija ta' dan l-ammont speċifiku. Għalhekk minkejja li intużat il-kelma *"tillikwida"* ċertament li ma jistax jiġi invokat il-prinċipju "*in illiquidis non fit mora*". Isegwi allura li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-kjamat fil-kawża, u cioe` mid-19 ta' Frar 2008. Il-principju msemmi jghodd sakemm issir it-talba ghall hlas, ghax appena issir it-talba, japplika l-principju *lite contestata usurae currant.* (**Paulus,Lib. XVII, ad edictum**)

**<u>Decide</u>**

30. Għal dawn il-motivi, din il-qorti tiċħad l-appelli tal-kjamat fil-kawża u tikkonferma ż-żewġ sentenzi appellati.

31. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess kjamat fil-kawża appellant.

Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef

Anthony Ellul<br>Imhallef

Deputat Registratur<br>mb